Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414


# MINUTI TAL-GHAXAR LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 29 ta' Ottubru 2012 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 9.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Il-laqgha giet sospiza sabiex jitkellem l-Avukat tal-Kunsill Dr. Edward Zammit Lewis rigward il-kwistjoni tan-notifika ta' kawza imminenti li l-Prim Imhallef Vincent de Gaetano kien bi hsiebu jiftah lill-Kunsill u lil Ritemix. Gew notifikati wkoll l-Insurance tal-Kunsill. Dr. Edward Zammit Lewis qal li ma jirrizultax li l-Kunsill ghandu tort fi kwalunkwe kaz minhabba li x-xoghol kien qed isir minn Ritemix. Ta ezempju, pero, li ghalkemm missieru kien qed jahdem fuq propjeta tieghu, hu kien responsabbli ghad-danni li seta kkawza missieru bhala haddiem. Naturalment, qal ukoll li l-Insurance tal-Kunsill ma tridx taccetta tali tort u kien hemm pregudikazzjoni tal-kaz meta l-Kunsill hareg rizoluzzjoni fejn fiha kien qed jaccetta t-tort ta' dak kollu li sehh. Hu qal li l-Kunsill ghandu zewg optzjonijiet: jew il-Kunsill ihalli lil Prim Imhallef jiftah il-kawza u mbaghad fil-kawza l-Kunsill idahhal lil Ritemix ukoll, jew il-Kunsill jitkellem ma' Ritemix, l-ispiza titnaqqas mill-kont taghhom, imma legalment f'dan il-kaz, il-Kunsill, ma jkunx korrett. Gie deciz li l-Avukat taghna ikellem lill-Avukat tal-Prim Imhallef u naraw x'kompromess ser jintlahaq qabel ma tinfetah il-kawza.

Gew mitluba wkoll jitkellmu xi residenti prezenti ghall-laqgha. Beda billi tkellem is-Sur Ray Briffa, sid tal-binja Shaielle Court fi Triq l-Ghenba. Hu beda billi ghamel riferenza ghan-notifika permezz tal-qorti li hu baghat lill-Transport Malta fuq l-illegalita' tal-Sleeping Policeman fi Triq il-Pruna. Hu rrefera specifikament ghall-istess risposta li ntbaghtet minn Transport Malta fejn fiha intqal li l-imsemmija Sleeping Policeman hija responsabbilta tal-Kunsill Lokali. Specifikament, dan id-diskors sar minn naha tas-Sur Briffa, kif ukoll is-Sinjura Josephine Mifsud rigwardanti il-volum ta' ilma kbir li jigi minn Triq Kananea li minhabba l-imsemmija sleeping policeman jispicca kollu fi Triq l-Ghenba b'konsegwenza li jgharraq il-garaxxijiet kollha tal-imsemmija binja. Minhabba li l-problema ilha persistenti tul dawn is-snin u issa giet aggravata, gie deciz li Transport Malta tintalab l-ispecifikazzjonijiet tas-Sleeping Policemen sabiex din tigi modifikata skond l-ispecifikazzjonijiet u li jekk hemm bzonn sussegwentament isiru xi xogholijiet sabiex l-ilma ma jibqax jaqleb lejn l-imsemmija binja, dawn isiru. Kulhadd qabel.

Intalab jitkellem ukoll il-Perit Mario Cassar rigward ittra mibghuta l-Kunsill fuq Dangerous Junction fi Triq il-Mosta ma' Triq A Durer ma' Triq il-Linja. Hu qal li fil-Guidelines tal-WHO hemm specifikament indikata direttiva tal-EU fuq Noise Pollution li jekk dan jeccedi l-87dba ikun hemm *real health hazard.* Is-Sur Ralph Cassar qal li l-Kunsill kien propona li Ħ'Attard kollu jigi 30km zone imma din il-proposta ma gietx accetata fit-toroq kollha. Is-Sur Stefan Cordina qal li l-Enforcement huwa problema minhabba n-nuqqas ta' Wardens u ghaldaqstant

ippropona li il-Periti Cassar jiltaqghu mieghu u mal-konsultenti tat-Transport Malta Josie Brincat fuq il-post u min hemmhekk is-Sur Brincat jaghti l-parir tieghu dwar dak li jista' jigi mplementat fl-imsemmija area.

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI.**

Approvati.

**2. KORRISPONDENZA**

🗁 E-mail minghand is-Sur Marco Cremona rigward proposta ta' prezentazzjoni tal-gebla mill-Everest flimkien ma' turija ta' video interessanti fuq l-eskursjoni fuq din l-itwal muntanja tad-dinja. Gie deciz li s-seminar isir f'Jannar u jsir avviz tieghu fil-magazin tal-Kunsill

🗁 E-mail minghand Amilie Poncelet – Social Worker Victim Support Malta, rigward progett fuq l-abbuz tal-anzjani. Is-Sinjura Poncelet ghandha tigi kkuntattjata.

🗁 Ittra mibghuta lura rigward il-Car Parking Policy fejn gie suggerit mis-Sur Lino Cassar li l-parking fi Triq Gorg Zammit isir dijagonali u mhux parallel billi jittiehed parti mill-gnien. Din it-talba ma gietx milqugha.

🗁 E-mail minghand is-Sur Antoine Galea rigward talba ghal spejjez lura fuq ripping ta' tyre bl-ispiza tammonta minhabba li l-evidenza ma turix li tali ticrita fit-tyre saret minn 1.5 inch indent li mhiex pothole xejn, gie deciz li jigi kkonsultat l-avukat u fil kaz tintbaghat ittra formali.

🗁 Kopja ta' zewg artikli li dehru fin-Nazzjon u t-Times rigward il-kaz tal-qorti tas-Sur John Bonnici minhabba li tali artikli ma jikkoncernawx il-Kunsill ghandha tintbaghat risposta formali mis-Sur Bonnici stess.

**3. LIBRERIJA PUBBLIKA**

Is-Sur Ralph Cassar enfasizza li l-Librerija Pubblika mhiex accessibbli ghad-dizabbli u mhiex bizzejjed biex takkomoda dawk il-volumi ta' kotba kollha. Gie deciz li l-Perit ghandu jintalab ihejji pjanta tal-Librerija u latrini flok il-latrini ezistenti fi Gnien il-Palma b'possibilita' ta' lift ghal-1st Floor u l-arja li jkun hemm fuq. Fuq il-meeting mal-Onor. Jason Azzopardi, dan gie ssettjat ghal l-1 ta' Novembru u gie emfasizzat li l-Kunsill ghandu jmur ippreparat ghal din il-laqgha.

**4. DEVOLUZZJONI GNIEN IL-PALMA U AREA MADWAR MOUNT CARMEL**

Il-Kunsill Lokali unanimament accetta li jsiru t-talbiet ghad-devoluzzjoni ta' Gnien il-Palma, area madwar Mount Carmel sabiex fiha jigu rilokati il-qtates u gibed l-attenzjoni fuqu is-Sur Ralph Cassar, l-embankment ta' Triq il-Linja, wara l-Corinthia.

Is-Sur Cordina skuza ruhu minhabba mpenji mportanti ohra u halla l-kamra

**5. SKEMA ATTIVITAJIET 2013**

Gie deciz li isir programm u timtela' applikazzjoni sabiex isir Lejl ghat-Tard 2013, kif ukoll zewg kuncerti ghar-residenti taghna. Ghandhom jithejjew l-applikazzjonijiet u jigu pprezentati waqt il-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex jigu approvati. Is-Sur Cassar ippropona li id-dawra tat-train madwar ir-rahal tkun bil-flus, b'entrojtu ghall-Kunsill sabiex jingabru parti mill-ispejjez.

**6. PROPOSTA ATTIVITAJIET GHALL-MILIED**

Gie deciz li jsir is-soltu Christmas Market kif ukoll kuncert tal-Milied. Gie stabbilita wkoll id-data tat-22 ta' Dicembru bhala l-gurnata li fiha ghandu jsir il-kuncert u l-bazaar f'daqqa. Gie suggerit ukoll li tingab is-soltu Christmas Tree ghal pjazza u preferibbilment nixtruha li tibqa tal-Kunsill ghas-snin li gejjin. Ghandu jigi ccekkjat ma' xi stabilimenti rigward ix-xiri ta' dil-Christmas Tree.

**7. FONDI UIF**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipproponiet li peress li hemm ammont sostanzjali ta' fondi tal-UIF, nitolbu li jigi mibdul l-apparat ta' Gnien l-Istazzjon. Is-Sur Ralph Cassar gibed l-attenzjoni li jridu jigu midura it-tabelli ezistenti mal-kancell ta' dan il-gnien. Gie deciz ukoll li tinhareg it-tender ghall-irrangar ta' Sqaq il-Pjazzetta Nru 1 filwaqt li issir talba ghall-UIF 'l quddiem. Gie propost li l-art issir cangatura ta' Malta.

**8. PUNTI MQAJJMA**:

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Li jitnaddaf il-hedge ta' gewwa Gnien il-Palma u li dan it-tindif isir regolari
- Li l-iSleeping Policeman ta' Triq il-Pitkali titranga kif suppost bin-nofs taghha jigi ghax-xejn xejn u mhux perikoluz kif qieghed issa

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Fit-Triq Santa Katerina hemm bzonn jigu mmarkati sinjali mal-art ghal aktar ordni specjalment mar-Roundabout sabiex jigu evitati kemm jista' jkun accidenti tat-traffiku u hafna perikli ohra.
- Jitfakkar fejn waslu l-ilmenti li ressaq bid-data 27 ta' Gunju 2012
- Gibed l-attenzjoni fuq bini ta' kostruzzjoni li qed ikun ta' periklu ghax qed jostakola l-bankini u minhabba f'hekk wiehed ikollu jimxi fit-triq bhal fil-kaz ta' Triq Santa Katerina
- Talab sabiex f'kull laqgha jinghataw risposta dwar il-progress report ghall-punti li jkunu tqajjmu fil-laqgha precedenti. Kulhadd qabel.

Is-Sur John Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq l-MC Bay fi Triq A Durer
- Talab sabiex jitnaddfu il-fanali tal-qalba tar-rahal
- Irringrazzja fuq il-rampa tal-Kunsill pero talab biex issir ohra in-naha l-ohra
- Irringrazzja ghal bankina li saret fi Triq l-Gharix filwaqt li talab li titranga l-isleeping policeman fl-istess triq

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Staqsa jekk intbaghtux il-kalendarji rigward il-gbir ta' skart. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li dawn lesti u ser jintbaghatu l-posta minn ghada 'l quddiem u li t-tqassim jiehu 10 ijiem mid-data tat-tehid tal-materjal il-posta minhabba r-rata specjali li gab il-Kunsill.
- Fakkar fuq l-isprall ta' Triq il-Mosta sabiex dan jerga' jinfetah. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dan l-isprall jinsab mirdum u li l-qlib tal-ilma hu lejn Triq il-Pjazzetta u mhux Triq il-Mosta. Ghandu jingab il-perit biex jiccertifika dan qabel ma jinfethu toroq
- Talab li l-minuti jintbaghatu gimgha wara li tkun saret il-laqgha. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni li l-minuti iridu jintbaghatu sebat ijiem qabel il-laqgha segwenti u ghaldaqstant mhux dejjem possibbli li jkunu lesti fi zmien gimgha, specjalment meta l-laqghat ikunu kull erbgha gimghat minhabba li hemm zmien bizzejjed biex dawn jintbaghatu.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Staqsa jekk tistax issir talba ghall-ufficini tal-Kunsill lill-UIF. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li dan ma jaqax taht progett ambjentali u embellishment.
- Fakkar fuq Gnien Misrah Kola
- Talab sabiex jiltaqa' ma' Joey Gauci fuq is-sigar ta' Gnien Hal Warda
- Talab sabiex issir find-out fuq jekk hux ser isiru konok fi Triq Xatbet l-Art

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Staqsa fuq jekk il-Kunsill inghatax risposta mis-Sur Roberto Drago rigward il-proposti ta' video
- Ta rendikont fuq il-laqgha kordjali li kellu mas-Sindku ta' Elancourt u ressaq proposti dwar xi appuntamenti li ghandhom isiru ma' entitajiet fuq l-istess gemellagg
- Talab li tigi updatejata il-website
- Wera x-xewqa li tintbaghat acknowledgement lil kull min jibghat email fil-Kunsill. Is-Sinjorina Cassola ghandha timplementa sistema ta' autoreply
- Irrimarka li hekk kif nircievu risposta minn ghand Transport Malta fuq l-isleeping policeman ta' Triq il-Pruna, din ghandha tigi implementata skond l-ispecifikazzjonijiet b'effett immedjat

Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Propona li jitqabbad contracts manager specjalment fejn jidhol is-sistema tal-gbir ta' skart. Hawnhekk din id-diskussjoni fuq l-istess sistema u s-Segretarju Ezekuttiv spjegat li fejn qabel is-Sur Mario Vella kien qed jintalab inaqqas il-piz tal-hwienet kbar mill-kont, issa minhabba li kellu jingabar separatament, dan ma baqax isir. Dan irrizulta f 'telf ta' flus ghal Kunsill minhabba li ma kienx hemm wisq kontroll, jekk il-piz tal-iskart ta' tali hwienet hux effettivament qed jitnaqqas mill-piz globali tal-Kunsill. Qalet ukoll, li tul dawn l-ahhar sentejn, il-Kunsill kien qieghed ihallas ghal piz per capita lill-Wasteserv u mhux dak li eventwalment qed jintefa' l-Maghtab. Ghaldaqstant, jekk il-Kunsill kien qed jigbor 230 tunnellata f'xahar partikolari, xorta kien qed jigi cchargjat ta' 252, per ezempju. Minhabba li kien sar wisq hin u d-diskussjoni dehret li ha tiehu fit-tul, gie propost li dan l-item jitpogga fuq l-agenda li jmiss. Kulhadd qabel.

## 7. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9.00pm għal-21 ta' Novembru fis-6pm.

_________________________ _____________________

Sindku Data